MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 647/1981/1

**Charles Xerri**

**vs**

**Claire Xerri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, minaccji u ngurji gravi da parti tal-istess konvenuta li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali bejn il-mizzewgin, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; kif ukoll eccessi da parti taghha;

Illi ghalhekk l-attur debitament ottjena l-awtorizzazzjoni tal-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Digriet Nru.

398/1981) (Dok. “A”) biex huwa jkun jista’ jipprocedi b’din l-istanza;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. M’ghandhiex din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghal tortijiet imputabbli lill-konvenuta, eccessi, mohqrija, theddid u ngurji gravi;

2. M’ghandhiex il-kura u l-kustodja tal-ulied minuri, tal-kontendenti Christopher u Vanessa ahwa Xerri tigi fdata f’idejn l-attur;

3. Ghaliex m’ghandhiex tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti s’issa ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Ghaliex l-assi formanti parti mill-imsemmija komunjoni m’ghandhomx jigu minn din il-Qorti likwidati – okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

5. Divizi f’zewg porzjonijiet ugwali;

6. U assenjati rispettivament lill-kontendenti, nofs kull wiehed;

7. Ghaliex l-konvenuta m’ghandhiex tigi dikjarata li ddekadiet mid-drittijiet taghha, jew liema minnhom, skond ma din il-Qorti jidhrilha xieraq ghat-tenur tal-art. 56, 57 u 59 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-2 ta’ Lulju 1981 a fol. 6 fejn gie eccepit:-

Illi l-esponenti waqt li tirrespingi bil-qawwa kollha kull allegazzjoni tal-htijiet attribwiti lilha fic-Citazzjoni, l-esponenti fl-istess waqt qeghda tezercita d-dritt taghha li tirrikonveni lill-attur zewgha f’din il-kawza waqt li tippremetti illi hemm lok ghas-separazzjoni mhabba l-adulterju, sevizzi, mohqrija, ingurji gravi, swat u eccessi kommessi mill-attur kontra taghha kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni titlob:-

1. Li din l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-istess separazzjoni ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

2. Li per konsegwenza hemm lok ghall-kominazzjonijiet tal-Ligi Civili u specifikament dawk imsemmija **fl-artikoli 56, 58, 62, 63, 68, 69** kontra l-imsemmi zewgha, u tordna:

3. Li l-manteniment li jigi stabbilit bil-modalita’ li dina l-Onorabbli Qorti tiffissa jigi lilha mhallas direttament lilha, ghaliha u ghal uliedha mill-post fejn zewgha fil-gurnata tas-sentenza jkun jahdem, cjoe' mid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni jew kull Dipartiment iehor Governattiv jew privat, u

4. Li t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontrih.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 7 sa 9 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tat-2 ta’ Lulju 1981 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-istess data.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Lulju 1981.

Rat ir-rikors tal-attur datat 8 ta’ Lulju 1981.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Lulju 1981 fejn xehdu l-partijiet u Giovanna Xerri prodotta mill-attur. Il-Qorti nnominat lil Joe Cassar Naudi sabiex wara li jkellem lit-tfal tal-kontendenti pero’ mhux fil-prezenza tal-genituri, jirrelata verbalment lill- Qorti fis-seduta li jmiss; tal-20 tal-Lulju 1981 fejn xehed l-istess Joe Cassar Naudi msejjah mill-Qorti. Id-difensuri qablu li l-parti li lilha ma tigix fdata l-kustodja tat-tfal ikollha l-opportunita’ ta’ access tal-istess tfal u tohroghom maghha kuljum bejn l-4:00 p.m. u t-8:00 p.m. Il-kawza giet differita *sine die* u fil-frattemp ghandu jinghata digriet kamerali fuq kustodja tat-tfal.

Rat il-provvediment tal-Qorti tad-29 ta’ Lulju 1981 fejn gie deciz li l-kura u kustodja tat-tfal tigi fdata f’idejn ir-rikorrenti ommhom, b’dan pero’ li l-missier ikollu l-opportunita’ li jarahom kuljum u johroghom mieghu bejn l-4:00 p.m. u t-8:00 p.m. Huwa ghandu jigborhom mill-*Good Shepherd Convent*, Hal-Balzan (jew fil-post fejn ikunu qed jabitaw m’ommhom) u jerga’ jirritornahom hemmhekk fil-hinijiet indikati.

Rat ir-rikors li l-attur ipprezenta fil-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Lulju 1981, u decizjoni li nghatat mill-istess Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Lulju 1982 fejn filwaqt li cahdet l-appell u kkonfermat id-digriet appellat, ordnat li tigi sostitwita d-dar tal-abitazzjoni tal-appellata.

Rat li l-kawza giet rimessa quddiem din il-Qorti (Civili Prim’ Awla).

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta’ Novembru 1982; tat-2 ta’ Marzu 1983 fejn xehdu l-partijiet. Il-Qorti nnominat lil Dr. Tonio Borg bhala Perit Legali biex jirrelata. Il-kawza giet differita ghal provvediment dwar l-alimenti provizorji; tat-13 t’April 1983; tal-20 t’April 1983 fejn inghata dwar l-imsemmija alimenti; u tas-7 t’Ottubru 1983.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Tonio Borg datat 18 ta’ Novembru 1983 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-21 ta’ Novembru 1983.

Rat il-verbali tas-16 ta’ Jannar 1984 u tas-6 t’April 1984.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 13 t'April 1984 fejn talbet revizjoni fil-manteniment ghaliha u ghal uliedha.

Rat r-risposta tal-attur datata 26 t'April 1984 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 4 ta' Mejju 1984 fejn *considerando* li r-rikorrenti ma kenitx ghadha tircievi c-*children's allowance* u billi l-*allowance* ta' l-istess ma kienux ghadhom jidhlu fil-kalkoli tal-manteniment tal-mara, il-Qorti laqghat it-talba u awmentat ir-retta alimentari ghal tnejn u tmenin lira Maltin (Lm82) fix-xahar b'effett mill-1 ta' Mejju 1984 bl-istess modalitajiet tad-digriet precedenti.

Rat ir-rikors tal-attur tat-28 ta' Mejju 1984 fejn talab li mill-alimenti jitnaqqas ammont tal-manteniment tat-tifel Christopher *stante* li sar finanzjarjament indipendenti, liema talba giet michuda mill-Qorti b'digriet tad-29 ta' Mejju 1984.

Rat il-verbali tal-24 t'Ottubru 1984; tat-23 ta' Jannar 1985; tas-26 t'April 1985; tat-2 t'Ottubru 1985; tas-7 ta' Jannar 1986; tat-8 ta' Jannar 1986; tal-14 ta' Marzu 1986; tat-30 ta' Mejju 1986; tas-27 ta' Gunju 1986; tal-1 t'Ottubru 1986; tas-17 t'Ottubru 1986; tas-26 ta' Novembru 1986 fejn peress li ripetutament ir-rapport baqa' ma thallasx minkejja li l-attur gie debitament notifikat bil-kont relattiv, il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi li hemm; u tal-11 ta' Frar 1987 fejn il-Perit Legali halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, is-seduti minnha mizmuma, id-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda hemm moghtija.

Rat il-verbali tat-8 t'April 1987.

Rat in-nota tal-attur datata 17 ta' Gunju 1987 li permezz taghha esebixxa kopja tal-Gazzetta tal-Gvern numru 57 tal-1987.

Rat il-verbali tas-17 ta' Gunju 1987 fejn Dr. J. Galea Debono ghall-attur irrimetta ruhu ghar-rapport filwaqt li osserva li hemm lok li jigi rivedut il-manteniment peress li t-tifla Vanessa ghandha ntrojtu ta' *Pupil Worker*. Xehed l-

attur minn jeddu u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 t'Ottubru 1987; tal-14 t'Ottubru 1987; tat-18 ta' Novembru 1987; tat-2 ta' Dicembru 1987 u tad-9 ta' Dicembru 1987 fejn il-kawza giet deciza *in parte*.

Rat id-digriet tad-9 ta' Dicembru 1987, fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Tonio Borg bhala Perit Legali biex jivvaluta l-oggetti formanti parti tal-komunjoni.

Rat il-verbali tal-20 t'April 1988; tat-2 ta' Novembru 1988; tat-8 ta' Frar 1989; tal-5 ta' Mejju 1989 fejn giet pprezentata nota ta' astensjoni mill-Imhallef sedenti; tat-13 ta' Gunju 1989; tat-12 ta' Dicembru 1989; tal-21 ta' Mejju 1990; tad-19 ta' Gunju 1990; tat-8 ta' Jannar 1991; tas-6 ta' Frar 1991; tat-28 ta' Mejju 1991 fejn il-Qorti giet infurmata li l-appell gie deciz; tad-19 ta' Novembru 1991; tal-4 ta' Marzu 1992; tat-18 ta' Mejju 1992; tad-9 t'Ottubru 1992; tad-9 ta' Dicembru 1992; tal-1 ta' Marzu 1993; tal-10 ta' Mejju 1993; tat-8 t'Ottubru 1993; tas-6 ta' Dicembru 1993; tad-9 ta' Marzu 1994; tas-16 ta' Mejju 1994; tal-14 t'Ottubru 1994; tat-12 ta' Dicembru 1994; tat-8 ta' Marzu 1995; tad-9 t'Ottubru 1995; tas-17 ta' Jannar 1996 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Noel Arrigo; tal-5 ta' Marzu 1996 fejn il-Qorti ssostitwiet lil Perit Legali Dr. Tonio Borg b'Dr. Joseph Bonello; tat-3 t'Ottubru 1996; tat-13 ta' Novembru 1996; tad-9 t'April 1997; tas-26 ta' Settembru 1997; tat-28 ta' Jannar 1998; tal-15 ta' Gunju 1998; tal-14 ta' Dicembru 1998; tal-11 ta' Gunju 1999; tal-25 t'Ottubru 1999; tat-22 ta' Marzu 2000; tas-16 t'Ottubru 2000; tat-13 ta' Frar 2001; tal-15 ta' Gunju 2001; tas-27 ta' Settembru 2001; tat-30 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti kif presentement presjeduta tas-26 ta' Frar 2002 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali Dr. Joseph P. Bonello u ordnatlu jirritorna l-inkartament; u tat-23 ta' Mejju 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba ta' Dr. Doran Magri Demajo ghall-attur sabiex tirregola ruhha u ddiferiet il-kawza *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attur tal-20 t'Awissu 2002 fejn talab li l-kawza tigi riappuntata.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-21 t'Awissu 2002 fejn talbet li permezz ta' nota r-rikorrenti jindika x'baqa' jsir fil-kawza.

Rat l-imsemmija nota tal-attur pprezentata fl-10 ta' Settembru 2002, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-11 ta' Settembru 2002 fejn wara li hadet it-taghrif kollu mehtieg laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghat-8 ta' Jannar 2003.

Rat il-verbali tat-8 ta' Jannar 2003 fejn id-difensuri ddikjaraw li t-tfal illum huma maggorenni u obbligaw ruhhom li jiltaqghu sabiex jittransigu l-kawza; tal-10 t'April 2003 u tal-5 ta' Gunju 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li tranzazzjoni ma saritx. Gie dikjarat li l-attur qed jippretendi biss il-kotba, *microscope* u *ship's compass*. Il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-lum 28 t'Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza li nkredibbilment giet istitwita fis-16 ta' Gunju 1981, u tikkoncerna talba ta' separazzjoni mill-attur diretta lill-konvenuta martu, u ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li tali kawza qatt ma kellha ddum pendenti ghal dan iz-zmien kollu, u r-raguni ghal dan id-dewmien kollu kien primarjament dovut ghall-attitudini tal-partijiet f'din il-kawza, aktar u aktar meta wara diversi proceduri bejn l-istess partijiet, inkluz dik odjerna, l-unika pendenza li ghad trid tigi deciza b'din is-sentenza odjerna hija biss dwar il-likwidazzjoni, divizjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, sakemm din giet xolta b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-kompjant Onorevoli Imhallef Stephen Borg Cardona datata 9 ta' Dicembru 1987.

Illi in fatti fl-istess sentenza kien gie deciz li:-

(1) L-ewwel talba attrici tigi milqugha u l-istess dik rikonvenzjonali, b'hekk li giet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet *'a mensa et thoro"* u dan *ai termini* tal-**artikolu 47 tal-Kodici Civili** u dan primarjament minhabba li l-hajja flimkien bejn il-kontendenti ma kienx ghada possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba inkompatibbilta' qawwija bejniethom, u sekondarjament minhabba eccessi u ngurji gravi *da parte* taz-zewg kontendenti, b'dan pero' li l-attur ghandu aktar mill-htija mill-konvenuta f'dawn il-kawzi.

(2) Illi dwar il-kura u l-kustodja ta' wlied l-istess kontendenti l-Qorti kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba rigwardanti Christopher peress li kien ghalaq it-tmintax-il sena, mentri fir-rigward ta' Vanessa l-kura u l-kustodja tal-istess kienet fdata f'idejn il-konvenuta bil-modalitajiet ta' access favur l-attur kif imposti fid-digriet tal-istess Qorti datat 29 ta' Lulju 1981, kif konfermati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-28 ta' Lulju 1982.

(3) Illi dwar it-tielet talba il-Qorti kienet ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

(4) Illi dwar it-tielet talba rikonvenzjonali sabiex jigi stabbilit il-mantiment ghall-konvenuta u ghal uliedha u jigi dan ordnat jithallas direttament lill-konvenuta mill-*employer* tal-attur, dik l-istess Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-istess talba in vista tad-decizjoni ta' dakinhar stess tal-imsemmija sentenza fil-kawza fl-ismijiet inversi b'dan pero' li l-attur gie ordnat ikompli jhallas lill-attrici l-ammont ta' kera li hija tkun qed thallas minn zmien ghal zmien ghal post ta' abitazzjoni f'San Gwann, liema kera ghandha ddur fuq isimha u ghalhekk ordnat lill-attur sabiex jaghmel dak li hemm bzonn sabiex tali fond bil-kera jibda jghajjat lill-konvenuta.

(5) Illi dwar is-seba’ (7) talba attrici u t-tieni talba rikonvenzjonali l-Qorti ma applikatx il-komminazzjonijiet kontra l-kontendenti kif rikjest pero’ applikat l-**artikolu 53 tal-Kodici Civili ta’ dak iz-zmien** u ordnat li kull parti zzomm kull jedd jew vantagg li hija setghet kisbet mill-parti l-ohra.

(4) Illi dwar ir-raba’ talba attrici ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-hames talba ghad-divizjoni ta’ l-istess u s-sitt talba ghall-assenjazzjoni ta’ porzjonijiet lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti ordnat li dan issir wara l-valutazzjoni ta’ l-oggetti formanti parti ta’ din il-komunjoni u ghal dan l-iskop innominat lill-Av. Dottor Tonio Borg bhala perit legali u halliet il-kawza ghall-20 ta’ April 1988 ghar-rapport.

Dwar l-ispejjez halliet li dawn jigu decizi fis-sentenza finali.

Illi jinghad ukoll li permezz ta’ sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 6 ta’ Marzu 1991 fil-kawza fl-ismijiet inversi **“Claire Xerri proprju et nomine vs Carmelo sive Charles J. Xerri”** (Citaz. Numru 531/1981) l-kwistjoni ta’ manteniment giet definittivament hemm deciza u riferenza issir ghall-istess sentenza li kopja taghha tinsab esebita a fol. 220 tal-process.

Illi jinghad ukoll li b’decizjoni datata 22 ta’ Jannar 2001 fil-procedura ghar-revoka tal-mandat ta’ Sekwestru Numru 21/92 fl-ismijiet **“Claire Xerri vs Carmelo sive Charles Xerri”** l-partiijiet ittransigew il-pendenzi kollha ta’ bejniethom rigwardanti l-arretrati ta’ manteniment b’dan li l-ispejjez ta’ dawk il-proceduri kellhom jithallsu kwantu ghall-zewg terzi mill-intimat Carmelo Xerri u kwantu ghal terz mill-konvenuta odjerna.

Illi minn dakinhar tas-sentenza f’din il-kawza l-periti legali imqabbdin minn din il-Qorti kif diversament presjeduta jidher li ma ghamlu xejn dwar il-valutazzjoni tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, dan li din il-Qorti kif presjeduta irrevokat in-nomina tal-ahhar perit legali ghaliex litteralment ma kien lahaq sar xejn.

Illi dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti kulma ghamlu l-partijiet kien biss li esebew lista tal-oggetti li skond huma jifformaw parti mill-istess, u fil-fatt l-attur esebixxa listi a fol. 116 sa 125 tal-process bhala Dok. “P3” mentri l-konvenuta a fol. 173 tal-process, fejn hemm indikat ukoll fl-ahhar wahda, l-oggetti li jinsabu fil-pussess tal-attur.

Illi pero’ fil-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Gunju 2003 l-attur informa lill-Qorti li huwa qed jippretendi biss minghand il-konvenuta l-kotba, il-mikroskopju u *‘ship’s compass”.* Hija nkredibbli, izda tant jidher li hemm u baqa’ nkompatabbilta’ ta’ karattru bejn il-partijiet li *nonostante* din id-dikjarazzjoni l-partijiet xorta wahda ma ttransigewx.

Illi ghalhekk in vista ta’ din id-dikjarazzjoni attrici tal-10 ta’ Settembru 2002 din il-Qorti tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn l-partijiet u tiddikjara li din tikkonsisti fil-lista esebita mill-konvenuta fit-8 ta’ Frar 1985 bhala Dok. “P25” a fol. 173 tal-process inkluz il-mikroskopju u *ship’s compass,* u *in vista* tal-verbal tal-attur tas-seduta tal-5 ta’ Gunju 2003, tordna li l-istess oggetti fl-imsemmija lista Dok. “P 25” jigu kollha assenjati lill-konvenuta, hlief ghal dawk indikati fl-istess lista li jinghad li jinsabu ghand l-attur, li ghandhom jigu assenjati lill-attur u hlief ukoll ghall-oggetti ndikati mill-attur fl-imsemmi verbal tal-5 ta’ Gunju 2003 b’dan li l-oggetti hemm indikati konsistenti fil-kotba, mikroskopju u *ship’s compass* jigu assenjati lill-attur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, u s-seba’ talba attrici tirreferi ghas-sentenza li gja’ nghatat dwar l-istess fid-9 ta’ Dicembru 1987 u l-istess taghmel ghar-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha, ghar-rigward ir-raba’ (4), il-hames (5), u is-sitt (6) talba attrici, w in vista tad-dikjarazzjoni attrici tal-10 ta’ Settembru 2002 din il-Qorti tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tiddikjara li din tikkonsisti fil-lista esebita mill-konvenuta fit-8 ta’ Frar 1985 bhala Dok. “P25” a fol. 173 tal-process

inkluz il-mikroskopju u *ship's compass,* u *in vista* tal-verbal tal-attur tas-seduta tal-5 ta' Gunju 2003, tordna li l-istess oggetti fl-imsemmija lista Dok. "P 25" jigu kollha assenjati lill-konvenuta, hlief ghal dawk indikati fl-istess lista li jinghad li jinsabu ghand l-attur, li ghandhom jigu assenjati lill-attur. Dan hlief ukoll ghall-oggetti ndikati mill-attur fl-imsemmi verbal tal-5 ta' Gunju 2003, b'dan li l-oggetti hemm indikati konsistenti fil-kotba, mikroskopju u *ship's compass* jigu assenjati lill-attur.

Illi l-ispejjez tal-kawza kollha jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------